**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 970/2023 RM**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-Vs-**

**Kylie Bonnici**

**Illum 24 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **KYLIE BONNICI** ta' tnejn u għoxrin (22) sena, bint Michael Bonnici u Lisa-Marie xebba Busuttil, imwielda nhar it-12 ta' Diċembru tas-sena 2000, residenti 11, Triq il-Ħaddiem, Marsa, u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0483800L, akkużata:-

Talli fil-21 ta' Novembru 2023, ġewwa Triq l-Indipendenza, Ħaż Żebbuġ u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, ergo vettura tal-marka Mercedes WJN 055 għad-dannu ta' Margaret Fenech (K.I.

0246160M) liema ħsara hija iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) fit-termini tal-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Soqt vettura bil-mutur jew vettura oħra bin-nuru ta' reġistrazzjoni LIN 100 tal-għamla Maruti, mingħajr liċenzja tas-sewqan kif ukoll soqt l-istess vettura b'mod perikoluż fit-termini tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Soqt l-imsemmija vettura mingħajr ma kellux fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni fit-termini tal-artikolu 3(1)(1A)(2) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta

U wkoll talli nhar il-21 ta' Novembru 2023 ġewwa l-Għassa ta' Ħaż Zebbuġ, Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq Sant Anglu Ħaż Żebbuġ. u/jew fi bandi oħra f'dawn il-Gżejjer:-

1. Bi-ħsieb li tagħmel delitt urejt dan il-ħsieb b'atti esterni u tajt bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħek, u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt li, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Chantelle Attard f'periklu ċar tikkommetti offiża gravi fuq l-imsemmija persuna, u dana ta' bi strument li jaqta' jew iniggeż;

2. Talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħek ikkaġunajt lill-imsemmija persuna biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha liema delitt twettaq bl-użu jew it-theddid tal-użu ta' arma, bi ksur tal-artikoli 251(3) u 251H(g) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Talli wkoll fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi ħebbejt għal Chantelle Attard sabiex tinġurjaha, iddejjaqha jew tgħamlilha ħsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Talli wkoll fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi żammejt fil-pussess tiegħek,

ġarrejt ‘il barra minn xi fond jew d’intorni tiegħek, sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta mingħajr il-liċenzja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta’ tal-persuna offiża, u cioe’ ta’ Chantelle Attard jew għaż-żamma ta’ l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta’ l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta’ vjolenzja, toħroġ ordni ta’ protezzjoni kontra l-imputata Kylie Bonniċi skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u f’każ ta’ ħtija, il-Qorti mitluba biex tipprovdi għas-sigurta’ tal-persuna offiża u cioe’ ta’ Chantelle Attard u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta’ Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta’ trattament fil-konfront tal-imputata Kylie Bonnici u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitlub li f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija, tordna il-konfiska tal-*corpus delicti*, u ta’ dawk l-istrumenti kollha użati jew maħsuna li jiġu użati fil-kommissjoni ta’ kwalunkwe reat u ta’ dak kollu li ġie miksub minn tali reat, inkluż l-armi u/jew għodda li ġew użati jew li setgħu ġew użati fil-kors ta’ tali reat.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita’ skont il-liġi, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jaqraw l-akkuzi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami bla ġurament, twieġeb li hija ħatja;

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha u sospendiet il-preżentata biex tikkonċedilha ħin biex tirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex terga' tikkonsulta mad-difensur tagħha;

Semgħet lill-imputata tikkonferma d-dikjarazzjoni tal-ħtija tagħha, u dan wara li spjegatilha n-natura u s-serjeta` tal-reati li tinsab mixlija bihom u l-piena erogabbli f'każ ta' kundanna fuq dikjarazzjoni ta' ħtija.

Rat id-digriet tagħha mogħti fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2023 fejn laqgħet it-talba tad-difiza biex jinħatar Uffiċjal tal-Probation biex jirrediġi rapport ta' qabel is-sentenza għall-fini tal-artikolu 6 tal-Kap. 446;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Annabelle Ebejer u rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza ppreżentat minnha fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2024 (Dok. AE1);

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena fejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża ddikjaraw li jaqblu mar-rakkommandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation dwar is-sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati in linea ta' piena;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tagħha, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tagħha u kif minnha ammessi.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati senjatament l-attentat ta' offiża ta' natura gravi fuq Chantelle Attard permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż (mus), u l-ħsara volontarja li saret għad-dannu ta' Margaret Fenech fil-vettura li tinsab fil-pussess tal-istess Chantelle Attard, liema ħsara hija iżjed minn elfejn u ħames euro (€2,500).

Iżda ġie kkunsidrat ukoll il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri waqt il-preżentata, l-eta' żgħira tal-imputata u l-fatt li għandha fedina penali kompletament netta.

Iżda fuq kollox, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-osservazzjonijiet u rakkomdazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation fir-rapport ta' qabel is-sentenza fejn ingħata sfond għall-inċident li ta lok għall-akkużi, fejn jidher li l-vittma Chantelle Attard tiġi omm ulied is-sieħeb attwali tal-imputata u teżisti relazzjoni negattiva u problematika bejniethom u storja ta' provokazzjoni reċiproka, għalkemm kollox jidher li dan kien inċident ta' darba u ma reġgħex kien hemm inċidenti jew konfronti oħrajn bejniethom minn dak iż-żmien 'l hawn.

Iktar minn hekk, ġie kostatat illi l-imputata kellha trobbija diffiċli u ilha tbati minn diffikoltajiet ta' saħħa mentali sa minn eta' żgħira, liema diffikoltajiet żviluppaw f'ansjeta' minħabba r-relazzjoni diffiċli mal-vittma, u l-pressjoni li din ħolqot fuq l-imputata. Kemm hu hekk, l-imputata bdiet tbati wkoll minn *post-natal depression* wara t-twelid tat-tarbija li għandha in komun mal-missier ta' wlied il-vittma Chantelle Attard. Fil-fatt, ġie konfermat illi l-imputata kienet qed tingħata għajnuna psikjatrika mill-Perinatal Mental Health Team bejn it-2 ta' Mejju 2023 u Jannar 2024 u għalhekk ukoll fiż-żmien meta ġew kommessi r-reati li dwarhom tinsab mixlija.

Jidher ukoll li l-imputata esprimiet rimors għall-inċident u li lesta terfa' r-responsabbilita' għall-konsegwenzi ta' egħmilha, u għarfet ukoll il-ħtieġa li tibdel l-attitudni tagħha fil-konfront tal-vittma Chantelle Attard u l-mod kif tirrelata magħha. Dan għall-Qorti jfisser li l-imputata wriet ċertu maturita' li, kollox magħdud,

jikkonvinċiha li tkun kandidata idonea għal sanzjoni fil-komunita'. Dan qed jingħad ukoll għaliex fil-fehma tal-Qorti, is-sorveljanza tal-imputata minn uffiċjal tal-Probation hi neċessarja sabiex hija tista' tingħata l-għajnuna professjonali psikoloġika kif ukoll psikjatrika, li hemm bżonn biex tindirizza b'mod strutturat il-problemi ta' saħħa mentali kif ukoll l-isfidi li għandha quddiemha fir-relazzjoni mal-vittma, li hija persuna li inevitabbilment ser ikollha kuntatt magħha għad illi b'mod indirett, u dan sabiex ma terġax tirkorri għall-kriminalita'.

Fil-fatt, l-Uffiċjal tal-Probation fir-rapport u fix-xhieda tagħha, saħqet fuq il-bżonn li l-imputata titpoġġa taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-Probation taħt Ordni ta' Probation, kif ukoll li jinħareġ fir-rigward tagħha Ordni ta' Trattament sabiex l-imputata tingħata t-trattament psikjatriku kif ukoll psikoloġiku biex tindirizza d-diffikoltajiet fuq imsemmija.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-aġir tal-imputata konsistenti fil-ħsara li għamlet lill-vettura użata minn Chantelle Attard kif ukoll fl-attentat ta' offiża gravi fuq l-istess vittma, flimkien jikkostitwixxu mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat taħt l-artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, għandha tingħata l-piena għar-reat l-iktar gravi, ċioe' ir-reat taħt l-artikolu 217 tal-Kap. 9 fejn il-piena hija mnaqqsa mill-inqas bi grad wieħed bl-applikazzjoni tal-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9[1].

Ukoll, billi ma nġiebet ebda prova u ma jirriżultax mill-atti proċesswali l-*quantum* tal-ħsara li saret fil-vettura Mercedes WJN-055 (li s-sid liċenzjat tagħha huwa Margaret Fenech iżda jirriżulta li din inbiegħet lil Chantelle Attard), il-Qorti ma tistax tordna l-ħlas lill-vittma tad-danni kif maħsub taħt l-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali – dan qed jingħad ukoll in vista tal-fatt illi mir-

[1] Ara rapport tal-okkorrenza – il-mus ittieħed mill-pussess tal-imputata minn PC85. Dan ifisser ukoll li l-Qorti tista' tapplika s-sanzjonijiet maħsuba fl-Att dwar il-Probation għaliex il-piena massima għall-attentat tar-reat taħt l-artikolu 217 tal-Kap. 9 u bl-applikazzjoni tal-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9, ma teċċedix seba' snin priġunerija.

rapport ta' qabel is-sentenza l-Qorti fehmet li ebda waħda mill-imsemmija persuni ma esprimiet xi interess li tiġi kkumpensata għall-ħsara fil-vettura.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li rat id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 17(b)(h), 31, 41(1)(a), 217, 251(3), 251H(g), 325(a) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Ordinanza tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1)(1A)(2)(a)(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 6, 51(7) u 61 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil KYLIE BONNICI ħatja fuq ammissjoni tagħha stess tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) u 7(2) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-ħatja taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin.**

**Tikkundannaha wkoll għall-ħlas ta' multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgħa erbgħin ċenteżmu (€116.47) u għall-fini tal-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-ħatja milli jkollha jew li tikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax (12)-il xahar.**

**Il-Qorti fissret lill-ħatja, bi kliem li hija tifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha magħha jew tagħmel xi reat ieħor, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħatja esprimiet ir-rieda tagħha li tikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħatja għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Chantelle Attard għal żmien tliet (3) snin.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħatja biex tingħata trattament psikoloġiku kif ukoll psikjatrika biex tindirizza l-problemi ta' saħħa mentali inkluż dipressjoni u biex tagħraf teżerċita kontroll iktar effettiv tal-emozzjonijiet, u dan għal perijodu ta' tliet (3) snin.**

**Għall-fini tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ossia l-mus esebit ġewwa evidenza bag issiġillata (Dok. E) u tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni tal-ordni għal konfiska.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation u l-Ordni ta' Trattament jintbagħtu lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trazzin u tal-iskwalifika taħt l-artikolu 15 tal-Ordinanza tat-Traffiku u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess b'mezzi elettroniċi għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**